MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2015

Numru. 154/2015

Illum 23 ta' Mejju, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Antoine Gravina, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 292683M, akkuzat talli:

F' dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Mejju, 2015 u fil-jiem ta' qabel din id-data;

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jfroni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova lid-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tan-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap101 tal-ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jfroni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova lid-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tan-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap101 tal-ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu;
3. kif ukoll talli sar recidiv, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzisaru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 (l) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum tat-23 ta' Mejju, 2015 l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Rat l-Artikoli 2(b) (1) tal-Kap 101 u l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9.

In vista tal-ammissjoni, ssib lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkundanna lill-imputat ghal-perjodu ta' tlettax il- xahar prigunerija flimkien ma multa ta' hames mitt Ewro (€500).

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga esebita.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------